MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 122/2003

**CEDRIC u GERALDINE KONJUGI CUSCHIERI**

vs

**CONCETTA CHARLES**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha l-atturi ppremmettew illi l-konvenuta hija vera certa u likwida debitrici a favur ta’ l-atturi fis-somma ta’ hames t’elef u hames mitt lira Maltija (lm5,500) rapprezentanti ammont ekwivalenti ta flus li kien gew imhallsa lill-konvenuta fuq zewg skritturi datati 21 ta’ Gunju, 2001 u 26 ta’ Dicembru, 2001 hawn annessi mmarkati Dok A u B;

Ippremettew illi skond l-istess skritturi, il-konvenuta hija obbligata li tirrifondi lura dan l-ammont lill-atturi u dana kemm peress illi s-servizz relattiv hemm kontemplat ma giex ezekwit da parti tal-konvenuta u kwindi l-istess ammont ta' flus gew imhallsa indebitament u kemm peress illi t-terminu tal-ftehim hemm kontemplat illum jinsab ormai skadut;

Ippremettew illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-artikoli 167-170 Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghal hlas ta' l-istess dejn u l-atturi qieghdin jannettu ma' dan l-att affidavit skond l-artikoli msemmija, Dok C;

Ippremettew illi l-konvenuta kienet giet interpellata inutilment biex thallas dan l-ammont inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 17 ta' Jannar, 2003;

Talbu ghalhekk biex l-istess konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skond l-artikoli 167-170 Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' Lm5500 favur l-atturi liema somma hija minnha dovuta skond kif spjegat hawn fuq, prevja okkorendo, dikjarazzjoni ta' responsabbilta' f'dan is-sens;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficjali datata 17 ta' Jannar, 2003 u ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju datat 28 ta' Jannar, 2003 (160/03) u bl-interessi skond il-ligi dekorribbli mid-data tal-fuq indikata ittra ufficcjali sad-data tal-pagament effettiv ghas-saldu kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-Avukat ta’ l-atturi;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------